TIBDIL TA' KUNJOM TA' MINURI

FORM T

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 893/2016/LSO**

**Marco Abela [Karta ta' l-identita' nru. 10770 (M)] u Vivie (Victoria-Maria) Abela Dingli [Karta ta' l-identita' nru. 240972 (M)], ilkoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Axel Abela**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Marco Abela datat 6 ta' Ottubru 2016 fejn Marco Abela bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma li s-segwenti fatti jafhom personalment :

Illi fit-26 ta' Jannar 2008, twieled iben ir-rikorrenti *nomine* Axel u fuq l-Att tat-twelid fil-parti isem il-wild l-istess minuri gie ndikat Axel Abela (DOK A);

Illi l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet li binhom Axel oltre ghal kunjom missieru jiehu wkoll kunjom xbubit ommu Dingli u ghalhekk jigi registrat bl-isem Axel Abela Dingli.

Illi dak li gara kien li bi zball u bi zvista frott l-eccitament tal-mument marbut mat-twelid ta' tarbija gdida r-rikorrenti naqsu li jindikaw fil-mument tar-registrazzjoni tat-tarbija li l-minuri kien se jiehu wkoll kunjom xbubit ommu;

Illi fil-fatt l-istess minuri Axel minn dejjem kien maghruf bhala Axel Abela Dingli u mhux biss Axel Abela;

Illi fil-kaz ta' oht l-istess minuri Kelsey Abela Dingli l-intimat accetta li din l-istess minuri zzid kunjom xbubit ommha u ghalhekk ma jirrizultax li hemm ragunijiet fil-ligi ghalfejn l-intimat m'ghandux jaghmel l-istess fil-kaz tal-imsemmi Axel;

Illi r-rikorrenti jixtiequ li fl-Att tat-Twelid tal-minuri Axel taht il-parti isem il-wild minflok Axel Abela ikun jaqra Axel Abela Dingli;

Illi minkejja li d-Direttur intimat gie interpellat f’ dan is-sens permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 2700/16 u datata 10 t'Awwissu 2016 huwa baqa’ inadempjenti.

Illi r-rikorrenti qed jaghmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li l-Att tat-twelid ta' iben ir-rikorrenti Axel li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 443/2008 jigi emendat fis-sens li taht il-kollonna isem il-wild ikun jaqra Axel Abela Dingli u mhux Axel Abela.

2. Tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f’ kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, inkluzi izda mhux biss, dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2700/16

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta' Novembru 2016 (fol 20) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jispecifikaw taht liema artikolu tal-ligi huma qeghdin isejsu l-azzjoni taghhom halli b'hekk l-esponent jkun f' qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f' dawn ic-cirkostanzi, l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti tindika taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi hija qieghda torbot l-proceduri istanti;

3. Illi ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jirrileva illi t-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha, *stante* li r-rikorrenti ma tistax titlob ghall-

korrezzjoni u dan ghaliex ma jirrizultax mid-dokumenti li gew mehmuza flimkien mar-rikors guramentat li fid-data ta' registrazzjoni tal-Att tat-Twelid ta' iben ir-rikorrenti Axel Abela kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni. Tant hu hekk illi anke ohtu Kelsey Abela Dingli kienet originarjament inghatat biss il-kunjom Abela kif jidher spjegat fid-dettal aktar 'il quddiem tant illi bidlet kunjomha permezz ta' Form T biss fit-3 ta' Jannar 2013. Illi, galadarba ma kien sar l-ebda zball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew zieda ta' kunjom iehor ma tista' tigi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat civili skont id-dettami ta' **l-Artikolu** 253 **(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha;

4. Illi madanakollu, bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jitolbu l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni taghhom jigu mibdula b'mod li tinkwadra ruhha taht il-parametri msemmija **fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan qieghed jigi rilevat *stante* li **l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** taghti l-fakulta' sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha, f' kaz fejn persuna jgib il-provi mehtiega, tawtorizza annotazzjoni fuq **l-att tat-twelid** rispettiv sabiex tali persuna tista' tigi maghrufa **b'isem iehor, u mhux b'kunjom iehor.** *[Enfasi tal-esponent].* Illi l-esponent itenni illi r-rikorrenti intavolaw l-azzjoni taghhom sabiex ibiddlu **l-kunjom ta' binhom u mhux ismu** minn fuq l-Att tat-twelid u kif ukoll f' kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrent meta dan is-sub-artikolu (2) huwa limitat **biss ghal bdil fl-atti tat-twelid.** *[Enfasi tal-esponent]',*

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-kaz *de quo,* ir-registrazzjoni tat-twelid ta' iben ir-rikorrenti Axel Abela saret fl-2008 *ai termini* **tal-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili** li jipprovdi illi ‘l ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont **l-Artikolu 292A,** kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha. **Illi din l-ghazla hija wahda definittiva u din it-talba ghalhekk ghandha tigi michuda.** Illi r-rikorrenti ghazlu li ma jaghmlux dan kif jidher minn kopja tal-Att tat-Twelid bin-numru 443 tas-sena 2008 hawn anness u mmarkat bhala **Dok DRP 1;**

6. Illi dawk ‘l ulied biss li kienu mwielda fiz-zwieg qabel is-7 t'Awwissu 2007 seta' jsir uzu mill-Formola T li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Kodici sabiex jaghmlu uzu ukoll mill-kunjom ta' ommhom. Fil-kaz ta' Axel Abela l-Formola T pero' ma tistax tintuza ghaliex l-imsemmi Axel Abela twieled fit-28 ta' Jannar 2008 u ghaldaqstant wara dak iz-zmien li jipprovdi l-Kodici Civili;

7. Il-Formola T setghet tintuza biss fil-konfront ta' Kelsey Abela Dingli ghaliex kif jidher mill-Att tat-Twelid taghha bin-numru progressiv 4572 tas-sena 2001 anness bhala **Dok DRP 2** hi twieldet fl-20 ta' Novembru 2001 u cioe' qabel is-7 t'Awwissu 2007. Kopja tal-Form T li ntuzat ghal Kelsey Abela qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok DRP 3**;

8. Illi ghaldaqstant ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u ghalhekk l-esponent m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

9. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

10. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 2 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Franco Galea ghall-atturi u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni ***ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fl-10 ta' Ottubru 2016 (fol 16) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi t-talba odjerna hija indirizzata lejn il-korrezzjoni tac-certifikat tal-att tat-twelid ta' iben ir-rikorrenti (Att Numru 443 tas-sena 2008 billi qed jitolbu li l-kunjom kif registrat fuq l-att tat-twelid jigi korrett u minflok "Axel Abela" ikun maghruf bhala "Axel Abela Dingli".

**Marco Abela** xehed permezz ta' affidavit fejn ikonferma li rrealizza li ibnu Axel kien gie registrat b'kunjomu biss, peress li meta mar biex jaghmel ir-registrazzjoni, kien eccitat u ma kienx ivverifka kull dokument li tawh sabiex jiffirma. Semma li gie nfurmat li filwaqt li c-certifikat tat-twelid ta' binthom seta' jkun rivedut, dak ta' binhom Axel ma setax jigi rivedut.

**Vivie Abela Dingli** xehdet permezz ta'affidavit fejn qalet li precedentement anke binthom Kelsey kienet

originarjament registrata biss b'kunjom il-misser, izda meta marru r-Registru Pubbliku, gew infurmati, li fir-rigward ta' Kelsey setghu jirrimedjaw billi tintela formola, u fir-rigward ta' Axel, ma setghux jaghmlu dan ghax kien twieled wara l-2007. Spjegat li hija tahdem fl-istess skola fejn jattendi t-tifel taghha Axel u din id-differenza fil-kunjom qed tkun ta' inkonvenjent ghal binha.

Ikkonsidrat li l-intimat, ghalkemm oppona ghat-talba odjerna, rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Referibbilment ghat-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimat, gie dikjarat mill-avukat difensur tar-rikorrenti li l-kawza odjerna hija ppernjata fuq allegat zball li sar mir-rikorrenti fir-registrazzjoni tal-kunjom tal-minuri. Illi jirrizulta kemm mill-premessi kif ukoll mit-talba tar-rikorrenti, li qed jinvokaw l-artikolu 253(1) tal-Kap 16, sabiex l-att tat-twelid ta' binhom jigi korrett.

Illi l-intimat fit-trattazzjoni, ghamel referenza ghal zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) fl-ismijiet **Rose Mary Saliba Rapa vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (12 ta' Frar 2014) u **Claire Caruana pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (58/2013) deciza fit-28 ta' Ottubru 2014, fejn gew michuda talbiet ghall-korrezzjoni tal-Att tat-twelid biz-zieda tal-kunjom tal-omm. L-argument tad-direttur intimat huwa ippernjat fuq il-fatt, li t-talba odjerna mhijiex

ammissibli ghaliex ser twassal ghal tibdil fil-kunjom dikjarat mill-genituri fil-mument tar-registrazzjoni.

Min-naha l-ohra l-avukat difensur tar-rikorrenti, fit-trattazzjoni rrefera ghall-kaz simili recenti deciz mill-Qorti tal-Appell, **Julia Manduca et vs Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Difatti, dan il-kaz recentissimu deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, **Julia Manduca et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza fis-27 ta' Mejju 2016, jitratta proprju dan il-punt.

Huwa utli ghalhekk li ssir referenza ghal din is-sentenza billi din il-Qorti riskontrat hi stess talbiet simili u ma hemmx raguni li wiehed jahseb li ma jkunx hemm aktar fil-futur.

Il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li:

"*Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija jekk dan il-fatt jistax jigi korreggjut abbazi tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili.*

-omissis-

*Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew le jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Robert Dowling Attard vs Direttur tar-Registru Pubbliku**,[1] l-Prim Awla tal-Qorti Civili awtorizzat l-bdil tal-kunjom minn*

[1] **Robert Dowling Attard vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)

*"Dowling Attard" ghal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem maghruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali kaz kien jirrikjedi semplicement it-twaqqiegh ta' wiehed minn zewg kunjomijiet. Fil-kawza fl-ismijiet* ***Damien Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku****,[2] invece din il-Qorti (diversament komposta) cahdet it-talba ghall-bdil ta' kunjom minn "Schembri" ghal "Damian Schembri". Ghalkemm kien irrizulta li l-attur (li jismu Damian) mal-milja tas-snin beda jikteb kunjomu "Damian-Schembri", il-qorti irriteniet li ma kienx gust li hija taghti timbru ufficjali ghal dan l-"istil" u ghalhekk cahdet it-talba. L-istess kien gara fil-kawza* ***Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku****[3] kawza fejn l-attur kien ried ibiddel kunjomu minn "Balzan" kif jidher fic-certifikat tat-twelid tieghu ghal "Balzan Imqareb", il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet irriteniet li ma jidhirx li taht il-ligi nostrana dak li jkun bis-semplici volonta` tieghu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesigi ratifika anke jekk ghalih isarraf bhala xi sinjal distintiv tal-identita` tieghu."*

Illi l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li talba simili tista' tinkwadra fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 billi dak li qed jintalab huwa li jigi korregut zball u mhux li jinbidel il-kunjom tal-minuri. Gie ribadit li dan l-artikolu ma jispecifikax x'tip ta' zball jista' jigi korregut u ghalhekk fil-fehma tal-qorti l-"izvista" tar-rikorrenti tista' tinkwadra ruhha tahtha.

---

[2] **Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (App.Sup. 16.12.2003).

[3] **Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (p.A. 30.06.2004 – PS).

Din il-Qorti taqbel ma' san l-insenjament li hu applikabbli wkoll fil-kaz odjern.

Din il-Qorti tifhem li talbiet ghal bdil ta' kunjom m'ghandhomx jintalqghu leggerment u b'mod kapriccuz. Madankollu jirrizulta mill-gurisprudenza nostrana recenti, li talbiet simili gew ikkonsidrati, partikolarment fejn hemm ness familarji bhal fil-kaz in ezami, fejn tirrizulta diskrepanza bejn il-kunjom tal-ulied ahwa, ulied l-istess rikorrenti. Inoltre omm ir-rikorrenti ukoll aggungiet kunjom xbubitha, u dan johrog aktar id-distinzjoni bejn membri tal-istess familja a pregudizzju tal-interessi tal-minuri.

Din il-Qorti ma tistax tinjora l-interessi supremi tal-minuri, specjalment meta l-parametri stabbiliti fl-ligi u kif ukoll fil-gurisprudenza mhumiex qed jigu infranti. Dan japplika aktar u aktar meta fil-kaz in ezami, l-Formola T setghet tintuza ghall-minuri Kelsey Abela Dingli peress li hija twieldet precedentement fl-2001, filwaqt li ma setghetx tintuza ghall-minuri Axel *stante* li huwa twieled fl-2008.

Ghaldqastant, fid-dawl tas-suespost, it-talba tar-rikorrenti hija gustifikata kif trid il-Ligi.

Referibbilment ghall-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti peress li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

Refribbilment ghat-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bl-

isem u s-sena relattivi. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat ghar-ragunijiet spjegati, tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid Numru 443 tas-sena 2008 tal-minuri Axel billi taht il-kolonna "isem il-wild" l-isem u kunjom jigu indikati bhala "Axel Abela Dingli" minflok "Axel Abela".

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba ghar-ragunijiet indikati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2017**